MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2014

Talba Numru. 271/2013

**Alfred Falzon Sant Manduca ID 417542M ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Albert F.S. Manduca Limited C247**

**vs**

**Paolo Vero ID 65905A taht l-isem kummercjali "La Baronessa"**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-3 ta' Mejju 2013, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' elf, mija u ghoxrin Ewro serbgha u erbghin centezmi (€1,120.47c) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur sabiex l-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Kodici tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2014, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha ttiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-attur tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ elf, mija u ghoxrin Ewro serbgha u erbghin centezmi (€1,120.47c), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill- konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------